# MALTA

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**DR. NADIA H. VELLA**

Seduta tat-8 ta' Jannar 2016

Talba Numru: 664/12

Numru fuq il-Lista: 25

**Luke Camilleri**

**vs.**

**George Grech**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-Talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-20 ta' Settembru 2012, illi permezz tiegħu l-intimat qed jiġi mitlub iħallas is-somma ta' elf, tmien mija u ħamsin ewro (€1850):

rappreżentanti danni personali li sofra r-rikorrenti fis-26 ta' Settembru 2010 meta l-intimat waddab flixkun lir-rikorrenti bil-konsegwenza li laqtu f'ħalqu u kissirlu snienu.

Illi l-ammont ta' elf, tmien mija u ħamsin ewro (€1850) jirrappreżenta l-ispejjeż mediċi involuti biex ir-rikorrenti jerġa' jkollu l-użu normali ta' ħalqu skont l-istima ta' Dr. Christian Satariano. Bl-ispejjeż tal-istanti u bl-imgħax legali sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta tal-intimat**, ippreżentata fit-12 ta' Ottubru 2012 fejn eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament; l-azzjoni attriċi hi intempestiva billi hemm proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja ppreseduta mill-Maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D., liema proċeduri għadhom ma ġewx eżawriti u fi kwalunkwe każ, l-esponent ma ġiex interpellat uffiċjalment u għalhekk ma għandux ibati spejjeż;

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

3. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema' x-xhieda.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ra l-verbal tat-12 ta' Diċembru 2014 fejn il-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Din il-kawża titratta inċident illi sar f'Settembru tas-sena 2010 barra l-istabbiliment li qabel kien jissejjaħ il-"Liquid Club" ġewwa San Ġwann. L-attur qala' daqqa ta' flixkun tal-ħġieġ ġo wiċċu u kawża tal-istess daqqa huwa tilef sinna ta' quddiem (*upper first left incisor tooth)* u ta' ħdejha (*upper first right incisor tooth*) li kienet tiċċaqlaq. Dan kollu huwa ppruvat mingħajr l-iċken dubju u kkonfermat ukoll mir-rapport ta' Dr. Mario Scerri Speċjalista fil-Mediċina Forensika li kien ġie maħtur biex jirrelata dwar l-inċident mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, liema rapport ġie ppreżentat fl-atti tal-kawża odjerna.

Il-mistoqsija li għandu quddiemu t-Tribunal, hija jekk kienx il-konvenut li waddab l-istess flixkun u kkawża d-danni lill-attur.

Dwar ir-responsabilita`, It-Tribunal għandu quddiemi provi opposti fis-sens illi l-attur u sieħbu Matthew Borg huma ċerti li l-persuna li waddbet il-flixkun f'wiċċ l-attur kien il-konvenut, u t-tnejn li huma setgħu jidentifikawh.

> "*Ngħid illi jiena rajt wiċċu lill-konvenut iżda ma kontx naf x'jismu f'dak l-istadju u sħabi kienu li qaluli x'jismu. Mistoqsi mit-Tribunal jekk jiena hiniex nagħraf il-persuna li kienet tagħtni d-daqqa tal-flixkun f'dina l-Awla jiena nwieġeb illi iva qed nagħrfu u fil-fatt qed nindika l-persuna tal-konvenut*."[1]

> "*Mistoqsi jekk jiena rajtx lil George li kien involut f'xi 'nċident ngħid illi jiena rajtu l-ewwel mument fil-ħin li waddab il-flixkun fuq Luke u ngħid illi dak il-ħin kien waħdu fit-triq u ngħid b'ċertezza mija fil-mija li jiena wiċċu rajtu*."[2]

Min-naħa l-oħra l-konvenut u l-ħabib tiegħu Nicky Lautier, filwaqt li t-tnejn xehdu li kienu semgħu ħoss ta' tkissir ta' flixkun, it-tnejn iddikjaraw illli ma kienx il-konvenut li waddab l-istess flixkun.

> "*Aħna konna flimkien ġo dan il-party u għal ħabta tat-tlieta u nofs iddeċidejna li mmorru d-dar. Ħriġna barra, kien hemm balla nies barra għaliex kien spiċċa l-party u kien hemm ħafna ġenn u konfużjoni. Aħna smajna flixkun jinkiser u tlaqna l'hemm. George kien il-ħin kollu miegħi dak inhar. Jiena ma rajtx lil George jwaddab xi flixkun iżda smajt flixkun jinkiser. Lil Luke Camilleri li qed nara fl-Awla jiena ma nafux. X'ħin smajna l-flixkun aħna tlaqna l'hemm u għalhekk ma nafx x'ġara minn dik it-tgeġwiġija li kien hemm barra. Jiena tlaqt ma' George Grech*."[3]

---

[1] Xhieda tal-attur 23 t'Ottubru 2014 fol. 62 tal-proċess
[2] Xhieda ta' Matthew Borg 20 ta' Novembru 2014 fol. 67 tal-proċess
[3] Xhieda ta' Nicky Lautier 20 ta' Novembru 2014 fol. 71 tal-proċess

Mill-assjem tal-provi kollha, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-verżjoni tal-attur hija ferm iktar kredibbli u verosimili u dana stante illi l-attur fl-istadji kollha tal-proċess, inkluż fil-poliklinika u lill-espert forensiku baqa' dejjem jistqarr l-istess verżjoni. It-Tribunal qiegħed jemmen dak mistqarr mill-attur fuq domanda tal-istess Tribunal.

> "*Mistoqsi mit-Tribunal kif kien għajjatli dak inhar George nispjega illi hu ma kienx għajjatli b'ismi jew kunjomi iżda kien qal xi kliem oxxen u jiena kont dort biex nara minn fejn ġej dan il-kliem u kien waddabli l-flixkun. Nispjega li fil-fatt ma kontx jien biss li dort iżda kienu daru ħafna nies iżda l-flixkun ġo wiċċi ġie.*"[4]

Il-verżjoni tal-konvenut u tax-xhieda minnu mressqa kienet inqas konsistenti u iktar imħawda u t-Tribunal iħoss li din il-verżjoni filwaqt li setgħet skolpiet lill-konvenut mir-reponsabilita kriminali, m'hijex tali li tista' tillibera lill-konvenut mir-responsabilita ċivili.

Filwaqt li jirriżulta kkonfermat miż-żewġ naħat il-fatt li l-partijiet qabel l-inċident ma kinux jafu lil xulxin, ma jnaqqas xejn fil-fehma ta' it-Tribunal il-possibilita li f'ambjent fejn diġa kien hemm ġlieda, b'livell ta' alkoħol fl-imħuħ u f'dak il-ħin tal-ġurnata ossia tal-lejl, li żagħżugħ iwaddab flixkun fid-direzzjoni ta' żgħażagħ oħra li huwa ma jkunx jaf u jikkawża d-danni, bħalma ġara fil-każ odjern.

Rigward l-ammont tad-danni, l-attur qiegħed jirreklama mingħand il-konvenut is-somma ta' elf, tmien mija u ħamsin Ewro (€1850) u dana a bażi ta' stima li ingħata mingħand id-dentist kuranti tiegħu Dr. Christian Satariano u li tinsab esebita fol. 2 tal-proċess. Meta xehed l-istess dentist quddiem dan it-Tribunal[5] irriżulta li dak li nefaq l-attur relatat ma' dan l-inċident kienet is-somma ta' elf erba' mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€1425). L-attur innifsu kkonferma li din kienet is-somma li huwa effettivament nefaq u dana stante li s-sinna li għamel hija waħda temporanja u mhix permanenti.

> "*Mistoqsi jekk effettivament jiena nfaqtx is-somma ta' elf erbgħa mija u ħamsa u għoxrin ewro (€1,425) għand l-istess dentist ngħid illi jiena nikkonferma li jiena nfaqt dan l-ammont u nispjega illi li dan l-ammont huwa anqas peress illi s-sinna li għandi kif spjegajt hija waħda temporanja u mhux permanenti.*"[6]

Huwa risaput anke mill-ġurisprudenza kostanti tagħna, illi f'azzjoni għad-danni, l-attur jista' jirkurpra biss dawk id-danni li effettivament ġew subiti u li effettivament ħallas. Il-possibilita ta' iktar danni fil-futur, jekk tinqala' s-sinna temporanja, hija biss

[4] Xhieda tal-attur 23 t'Ottubru 2014 fol. 63/64 tal-proċess
[5] Xhieda ta' Dr. Christian Satariano 21 ta' Ġunju 2013 fol. 22 tal-proċess
[6] Xhieda tal-attur 23 t'Ottubru 2014 fol. 63 tal-proċess

ipotetika, u anke jekk il-probabilita` li jiġri dan hija waħda kbira, anke tenut kont l-eta` tal-attur, wieħed f'dan l-istadju ma jistax ibassar x'ser ikunu d-danni.

Għaldaqtant l-attur m'għandux jedd jirkurpra iktar minn dak illi ħallas u cioe s-somma ta' elf erba' mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€1425).

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijet hawn fuq esposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' t-talba attriċi limitatament għall-ammont ta' elf erba' mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€1425) . Konsegwentement qiegħed jordna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' elf erba' mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€1425), bl-imgħax legali mill-21 ta' Ġunju 2013[7] sad-data tal-pagement effettiv.

L-ispejjeż tal-preżenti jkunu sopportati tliet kwarti mill-konvenut u r-rimanenti kwart mill-attur.

**Av. Nadia H. Vella**
**Ġudikatur**

[7] Mal-preżentata tal-Avviż tat-Talba l-attur kellu biss stima f'idejh. Sal-21 ta' Ġunju 2013, id-data meta xehed id-dentist kuranti tiegħu, it-trattament fuq ħalq l-attur kien sar u tħallas.